# Xrobb l-Għaġin

Fil-15 ta' Jannar li għadda, l-iskola tagħna ħadet sehem fl-attivita' - 'Plant a Tree for Peace' li saret ġewwa 'Xrobb l-Għaġin Nature Park and Sustainable Development Centre'. Din l-attivita' kienet organizzata minn 'Nature Trust Malta' permezz tal-programm tagħha 'LEAF' (Learning About Forests).

Fl-iskola tagħna aħna ppreparajna għal din l-attivita' billi ġbarna xi flus biex inkunu nistgħu nixtru tmien siġriet biex niżirgħuhom dakinhar waqt din l-attivita'.

Dakinhar għaxar studenti mill-iskola tagħna ngħaqdu m'oħrajn minn disa' skejjel oħra. B'kollox konna disgħin student. Preżenti għal din l-attivita' kien hemm l-Onorevoli Ministru għall-Ambjentu l-Iżvilupp Sostenibbli, Dr. Leo Brincat, kif ukoll l-organizzaturi. Dawn it-tnejn għamlu diskors għall-okkażjoni. Aħna t-tfal ukoll, fosthom student ta' l-iskola tagħna, indirizzajna lill-pubbliku preżenti. Dan kien diskors dwar il-benefiċċji tas-siġar u appell lin-nies biex huma wkoll jagħtu s-sehem tagħhom billi jagħtu daqqa t'id u anke jkunu ta' eżempju tajjeb għall-oħrajn.

'Xrobb l-Għaġin Nature Park' huwa post kbir u arjuż. Hemm ħafna arja friska u waqt li konna hemm tgħallimna kif niżirgħu iż-żerriegħa ġol-qsari. Ħadna qasrija minn dawn magħna d-dar ukoll.

Imma l-aktar importanti f'din l-attivita' kien li dakinnhar aħna li ħadna sehem żrajna mitejn siġra żgħira tal-palm. Aħna t-tfal qlajna s-siġar żgħar tal-palm li kienu fil-qsari u ħawwilnihom ġol-ħamrija f'ħofra ppreparata apposta.

Waqt din l-attivita' tgħallimna wkoll dwar l-insetti mingħand Ms Josephine. Tgħallimna dwar il-qasab u kif dawn jinħadmu biex minnhom isiru xi kpiepel jew basktijiet. Tgħallimna wkoll dwar diversi pjani, siġar u anke weraq. Tgħallimna x'jiġri lill-pjanti meta tirfishom u tgħallimna wkoll kif nieħdu ħsiebhom.

Din l-attivita' ġiet ukoll imxandra fuq it-televizjoni. Wieħed jistenna li l-attivita' bħal din mhux biss tagħmel impatt fiżiku fuq l-ambjent għax jiżdiedu s-siġar, imma permess t'attivitajiet bħal dawn jiżdied it-tagħlim dwar l-ambjent. Tiżdied ukoll l-imħabba favur l-ambjent u anke l-għarfien tiegħu.

Jiena ħadt gost ħafna f'din l-attivita' għax tgħallimt ħafna. Tgħallimt li s-siġar huma mportanti ħafna f'ħajjitna. Dawn jassorbu l-arja ħażina u jipproduċu arja tajba, jikkonservaw l-ilma u l-ħamrija u fl-aħħar mill-aħħar itejbu l-kwalita' tal-arja tagħna li mingħajrha ma ngħixux!



